31995L0035

L 172/6 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 22.7.1995

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 95/35/KE

ta' l-14 ta' Lulju 1995

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li tirrigwarda t-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

(Test rilevanti għaż-ŻEE)

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tirrigwarda t-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 94/79/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 18(2) tagħha,

Billi l-Annessi II u III mad-Direttiva 91/414/KEE jiddikjaraw il-ħtiġiet għad-*dossier* li jrid jiġi ssottomess mill-applikanti rispettivament sabiex tiġi inkluża sustanza attiva fl-Anness I u sabiex jiġi awtorizzat prodott għall-protezzjoni tal-pjanti;

Billi huwa meħtieġ illi, fl-Annessi II u III mad-Direttiva 91/414/KEE, jiġi indikat lill-applikanti b'mod preċiż kemm jista' jkun kull dettal dwar it-tagħrif meħtieġ, bħalama huma ċ-ċirkostanzi, il-kondizzjonijiet u l-protokolli tekniċi li fuqhom trid tiġi ġġenerata ċerta informazzjoni; billi dawn id-dettalji għandhom jiġu introdotti malli jkunu disponibbli sabiex jippermettu lill-applikanti li jagħmlu użu minnhom fit-tħejjija tad-*dossiers* tagħhom;

Billi d-Daħliet għall-Annessi II u III mad-Direttiva 91/414/KEE korrentement jirreferu għall-applikazzjoni tal-prinċipji ta' prattika tajba fil-laboratorju (PTL) fejn ikunu qed isiru t-testijiet sabiex tinkiseb l-informazzjoni dwar il-proprjetajiet u s-sigurtà tas-sustanzi u t-tħejjijiet; billi għalhekk, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tat-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 9(1) tagħha, il-PTL għandha fil-prinċipju tiġi applikata għall-istudji dwar il-fdalijiet, b'mod partikolari meta jkunu meħtieġa għad-*dossiers* li jridu jiġu ssottomessi bil-ħsieb li jiġu inklużi sustanzi attivi fl-Anness I mad-Direttiva msemmija;

Billi, madankollu, sar evidenti illi f'ċerti Stati Membri għadha mhix disponibbli l-infrastruttura meħtieġa sabiex jiġu applikati l-ħtiġiet tal-PTL għall-istudji dwar il-fdalijiet minn provi ssorveljatii fuq l-uċuħ tar-raba', fuq l-ikel jew fuq il-għalf; billi mill-banda l-oħra l-Istati Membri li diġà japplikaw l-ħtiġiet tal-PTL għandhom jitħallew jagħmlu dan fil-provi mwettqa fit-territorju tagħhom; billi dan il-prinċipju għandu jiġi ċċarat ukoll għall-għan tad-derogi mill-PTL li diġà jinsabu fid-Direttiva;

Billi huwa meħtieġ li tiġi pprovduta deroga temporanja sabiex jiġu applikati l-ħtiġiet tal-PTL għas- sustanzi attivi diġà fis-suq sentejn wara n-notifika tad-Direttiva 91/414/KEE kull meta numru ta' kondizzjonijiet ta' prekawzjoni jiġu sodisfatti; billi, madankollu, mhux meħtieġ li jkun hemm disposizzjoni għal dan is-servizz ta' deroga għas-sustanzi attivi mhux miġjuba fis-suq sentejn wara n-notifika tad-Direttiva msemmija;

Billi l-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Annessi II u III mad-Direttiva 91/414/KEE huma emendati kif iddikjarat fl-Anness ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sat-30 ta' Ġunju 1996. Għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkompanjati b'din ir-referenza filwaqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1995.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-14 ta' Lulju 1995.

Għall-Kummissjoni

Ritt BJERREGAARD

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 354, 31.12.1994, p. 16.

ANNESS

L-Annessi II u III mad-Direttiva 91/414/KEE huma emendati kif ġej:

1. L-Anness II jiġi emendat kif ġej:

   (a) Il-Punt 2.2 tad-Daħla jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "2.2 Bħala deroga mill-punt 2.1, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu illi t-testijiet u l-analiżi, imwettqa fit-territorju tagħhom biex jiksbu l-informazzjoni dwar il-proprjetajiet u tas-sigurtà tas-sustanzi rigward in-naħal ta' l-għasel u l-antropodi ta' benefiċċju għajr in-naħal jiġu kondotti permezz tal-faċilitajiet jew l-organizzazzjonijiet uffiċjali jew uffiċjalment irrikonoxxuti li jissoddisfaw mill-inqas il-ħtiġiet kif iddikjarati fil-punti 2.2 u 2.3 tad-Daħla għall-Anness III.

   Din id-deroga tapplika għall-provi li fil-fatt bdew fil-31 Diċembru 1999 jew qabel."

   (b) Il-punt 2.3 li ġej jiġi miżjud mad-Daħla:

   "2.3 Bħala deroga mill-punt 2.1, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu illi l-provi tal-fdal issorveljati, imwettqa fit-territorju tagħhom skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima 6 'Il-fdal ġewwa u fuq il-prodotti, l-ikel u l-għalf ittrattati' dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom is-sustanzi attivi diġà fis-suq sentejn wara n-notifika tad-Direttiva għandhom jiġu kondotti permezz tal-faċilitajiet jew l-organizzazzjonijiet uffiċjali jew uffiċjalment irrikonoxxuti li jissoddisfaw mill-inqas il-ħtiġiet fil- punti 2.2 u 2.3 tad-Daħla għall-Anness III..

   Din id-deroga tapplika għall-provi ssorveljati tal-fdalijiet li fil-fatt ikunu bdew fil-31 ta' Diċembru 1997 jew qabel."

2. L-Anness III jiġi emendat kif ġej:

   (a) Il-Punt 2.2 tad-Daħla jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "2.4 Bħala deroga mill- punt 2.1, l-Istati Membri jistgħu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-punti 2.2 u 2.3, permezz ta' estensjoni, għat-testijiet u l-analiżi mwettqa fit-territorju tagħhom sabiex jiksbu l-informazzjoni dwar il-proprjetajiet u/jew is-sigurtà tas-sustanzi rigward in-naħal ta' l-għasel u l-antropodi ta' benefiċċju għajr għan-naħal u li fil-fatt bdew fil-31 ta' Diċembru 1999 jew qabel."

   (b) Il-punt 2.3 li ġej jiġi mdaħħal fid-Daħla:

   "2.5 Bħala deroga mill-punt 2.1, l-Istati Membri jistgħu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-punti 2.2 u 2.3, permezz ta' estensjoni, għall-provi ssorveljati tal-fdalijiet, imwettqa fit-territorju tagħhom skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima 6 'Il-fdal ġewwa jew fuq il-prodotti, l-ikel u l-għalf ittrattati' dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom ikunu jinsabu sustanzi attivi diġà fis-suq sentejn wara n-notifika tad-Direttiva u li fil-fatt inbdew fil-31 ta' Diċembru 1997 jew qabel."